

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 23.4.2010  
KUMM(2010)178 finali

Rakkomandazzjoni għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**Dwar l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2014**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Id-Deċiżjoni 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019<sup>1</sup>, tistipula l-proċedura tan-nomina tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura. Skont l-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni, mill-2009 'l quddiem, żewġ ibliet ta' żewġ Stati Membri se jkunu nnominati Bliet Kapitali Ewropej tal-Kultura, skont min imissu, fl-ordni kronoloġika stipulata fl-Anness tad-Deċiżjoni. L-Isvezja u l-Latvja huma intitolati li jospitaw l-avveniment fl-2014.

In-nomina għall-Ibliet Kapitali Ewropej tal-Kultura li tikkonċerna s-sena 2014 u s-snin ta' wara hi sottomessa għall-proċess li ġej.

Sejħa għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet se tiġi ppubblikata minn kull Stat Membru kkonċernat mhux aktar tard minn sitt snin qabel l-avveniment. Bord tal-għażla kompost minn 13-il espert indipendenti fis-settur kulturali se jiltaqa' qabel il-laqgħa tal-għażla mhux aktar tard minn ħames snin qabel l-avveniment. Hu jivvaluta l-applikazzjonijiet li jirċievi skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1622/2006/KE u jaqbel dwar lista qasira ta' bliet kandidati li għandhom ikomplu jitqiesu wara li titlesta l-applikazzjoni tagħhom.

Kull Stat Membru kkonċernat ilaqqaq' l-bord għall-għażla finali, disa' xhur wara l-laqgħa ta' qabel l-għażla. Wara valutazzjoni estensiva tal-ibliet magħżula minn qabel ibbażata fuq il-kriterji stipulati għall-azzjoni, il-bord jirrikkmanda belt waħda għat-titolu f'kull Stat Membru kkonċernat.

Abbażi ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, iż-żewġ Stati Membri jinnominaw belt kull wieħed biex kull waħda tkun Kapitali Ewropea tal-Kultura u jinnotifikaw lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regġuni mhux aktar tard minn erba' snin qabel ma jibda l-avveniment inkwistjoni.

Il-Parlament Ewropew jista' jressaq opinjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara li jitwasslu n-nominazzjonijiet.

Il-Kunsill, wara li jaġixxi fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jinnomina b'mod uffieċjali lill-ibliet inkwistjoni għas-sena li għaliha ġew innominati.

Wara li tlestew iż-żewġ fażijiet tal-kompetizzjoni deskritti hawn fuq, il-bord irrikkmanda li Umeå (fl-Isvezja) u Riga (fil-Latvja) jospitaw l-avveniment fl-2014 fir-rapporti datati Settembru 2009. Iż-żewġ Stati Membri nnotifikaw dawn in-nominazzjonijiet lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regġuni sat-tmiem l-2009.

Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni favorevoli tiegħu lill-Kummissarjoni fil-bidu ta' Jannar 2010.

Konsegwentement, il-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu 9.3 tad-Deċiżjoni 1622/2006/KE qed tressaq lill-Kunsill ir-rakkomandazzjoni mehmuża għan-nomina uffieċjali ta' Umeå u Riga rispettivament għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2014.

---

<sup>1</sup> ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.

Rakkomandazzjoni għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### Dwar l-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-sena 2014

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidra r-rapporti tal-Bord tal-Għażla ta' Settembru 2009 rigward il-proċess ta' għażla tal-Ibliet Kapitali Ewropej tal-Kultura fl-Isvezja u fil-Latvja rispettivament u l-opinjoni maħruġa mill-Parlament Ewropew,

Filwaqt li qies li l-kriterji msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 1622/2006/KE intlaħqu għal kollox,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni ta' ----- 2010,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

Umeå (fl-Iżvezja) u Riga (fil-Latvja) huma magħżula bħala "l-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-sena 2014".

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>2</sup> ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.